MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 896/2008

***Bank of Valletta p.l.c.***

***versus***

**Anthony Cutajar u Daniel Guiney**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenuti jroddu sebgħa u tletin elf, disa’ mija u għoxrin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€37,920,84) bilanċ ta’ self magħmul lill-konvenuti, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista’ titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 t’Awissu 2007 u tal-mandat ta’ sekwestru ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni, u l-imgħaxijiet mill-31 ta’ Lulju 2008 sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqux eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas dehru għas-smigħ tal-kawża. Għalkemm ingħataw fakoltà li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura

Ċivili, ma għamlux sottomissjonijiet dwar it-talbiet tal-attriċi.
Mix-xiehda mressqa mill-attriċi jidher illi tassew illi l-konvenuti għandhom jagħtu daqskemm mitlub fir-rikors maħluf, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih.
Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi sebgħa u tletin elf, disa’ mija u għoxrin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€37,920,84), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------